# IT-III KTIEB

## Jistudja f'Kartaġni u jaqa' fl-ereżija

1. Wasalt f'Kartaġni, u sibt ruħi fost ħafna mħabbiet ħżiena qisni ġo taġen b'żejt jagħli u jfaqqa' madwari. Kont għadni ma ħabbejt lil ħadd, iżda billi kont inħobb nagħti mħabbti, bgħadt lili nnifsi mill-qiegħ ta' qalbi fil-bżonn talli ma ħassejtnix biżżejjed fil-bżonn. Fi mħabbti għall-imħabba kont infittex xi nħobb, u ma ħmiltx inkun moħħi mistrieħ mill-perikli u mit-triqat bla nases. Ġewwa fija kelli ġuħ li ma riedx jaf bl-ikel ġewwieni, li hu int, Alla tiegħi, u dak il-ġuħ ma kienx ixebbagħni. Ma ġietni ebda xewqa għall-ikel li ma jitħassarx, mhux għax kont mimli bih, iżda għax aktar ma kont nieqes minnu aktar kien idejjaqni. Ruħi tilfet saħħitha, u kienet tinxteħet 'il barra miġruħa, b'xewqa kbira u miskina li toqgħod tinħakk mal-ħwejjeġ sensibbli li wara kollox ma kinux jinħabbu kieku ma kellhomx ruħ. Kien jiġini aktar ħelu li nħobb u nkun maħbub jekk iseħħli nitpaxxa bil-ġisem ta' min inħobb. Għalhekk dardart in-nixxiegħa tal-ħbiberija bil-ħmieġ tal-ġibdiet ħżiena u dallamt id-dija tagħha bit-tartru taż-żina. Kont maħmuġ u bla ġieh, iżda bi frugħa liema bħalha fittixt li nidher pulit u kollni reqqa fl-imġiba. Waqajt imbagħad fix-xibka ta' l-imħabba li xtaqt ninqabad fiha.

Alla tiegħi, ħniena tiegħi, kemm kont twajjeb miegħi meta raxxejtli kotra ta' mrar fuq dik il-ħlewwa! Kont maħbub ukoll: inkiss inkiss wasalt fir-rabta li tgħaxxaq, u kollni ferħan intrabatt bil-għoqod tal-hemm, biex nilqa' fuqi swat b'egħsieleġ tal-ħadid, mikwija bil-għira, bit-tħassib u l-biża', bil-għadab u l-ġlied!

2. Kien jiġbidni t-teatru, kollu xbihat tal-ħajja msejkna tiegħi u ħatab għan-nar tiegħi. Dan xi jkun li wieħed imur it-teatru biex jitnikket bi dramm ta' qsim il-qalb u biża' li hu nnifsu ma jridx iġarrabhom? U b'danakollu jmur jarahom u jridhom inikktuh, għax dan hu l-gost tiegħu. Xi jkun dan jekk mhux bluha li ġġiblek ħniena? Għax aktar ma wieħed jintreħa għal dan it-tqanqil aktar jinħakem minnu. Jekk hu nnifsu jkun ibati bih, in-nies iżżommu bi bniedem imsejken; waqt li jekk iħoss għal ħaddieħor li jbati b'dak l-istess tqanqil, igħidu li hu raġel ta' qalb ħanina. Iżda xi ħniena ta' qalb jista' wieħed iġarrab għal xeni ivvintati? Min imur jarahom ħadd ma jwebblu biex jagħti għajnuna, imma jħajruh biex jitnikket biss, u aktar ma jitnikket aktar jagħmel il-qalb lill-atturi f'dawk ix-xeni. U jekk il-hemm tal-bnedmin, sew jekk ikun ġara tassew fl-imgħoddi u sew jekk le, ma jintweriex mill-attur b'mod li jnikket, min jisimgħu joħroġ 'il barra mdejjaq u jgemgem; iżda jekk dan jitnikket, jibqa' hemm b'widnejh miftuħa u jxerred dmugħ ta' ferħ.

Mela l-biki u n-niket jinħabbu. M'għandniex xi ngħidu, kulħadd irid jithenna, u ħadd ma jieħu gost igħix ħajja msejkna; iżda mbagħad jieħu gost jekk ikollu qalbu tħenn. Imma kif tista' tħenn il-qalb jekk ma titnikkitx? Jistax ikun mela li n-niket jinħabb sewwa sew minħabba f'hekk?

U dan kollu ġej mill-istess nixxiegħa tal-ħbiberija. Iżda fejn hija sejra? Fejn se tasal? Il-għala qiegħda tħaffef lejn il-wied ta' żift jagħli, f'għargħar liema bħalu ta' xewqat mill-agħar, fejn għax trid hi qiegħda titbiddel u titqalleb imneżżgħa u għerja miċ-ċarezza tagħha tas-sema? Jenħtieġ mela li nwarrbu l-ħniena? Le, qatt! Mela ħa jinħabb in-niket xi drabi. Iżda iftaħ għajnejk mit-tinġis, ruħ tiegħi, taħt il-ħarsien ta' Alla tiegħi, Alla ta' missirijietna, ta' min ifaħħru u jgħollih għal dejjem, iftaħ għajnejk mit-tinġis. Għax illum ukoll inħoss qalbi tħenn; imma f'dak iż-żmien fit-teatru kont nifraħ mal-maħbubin meta jsibu f'xulxin għaxqa li ġġib mistħija, għad li tkun wirja biss u xejn iżjed, waqt li min-naħa l-oħra kont nitnikket magħhom u qisni nħoss għalihom jekk ikollhom jinfirdu. U kont nieħu gost, sew fil-ferħ u sew fin-niket. Għall-kuntrarju llum iktar tiġini ħniena minn min jifraħ b'dak li jħammar il-wiċċ milli minn wieħed li jkun donnu ġratlu diżgrazzja kbira jekk ikollu jiċċaħħad minn pjaċir li jagħmillu ħsara jew ikun tilef hena msejken. Ma hemmx dubju li din il-ħniena hi aktar tassew, imma n-niket li ġġib ma fih ebda gost. Għax jekk wieħed jistħoqqlu t-tifħir meta bi dmir ta' mħabba jitnikket għall-imsejken, min tassew iħenn għal għajru aktar jagħżel li ma jkunx hemm fuqiex jitnikket minħabba fih. U fil-każ li bniedem qalbu tajba jixtieq id-deni lil għajru, ħaġa li ma tistax tkun, anki min tassew iħenn minn qalbu għandu mnejn jixtieq li jkun hemm l-imsejknin fid-dinja ħalli jkun jista' jħenn għalihom. Mela hemm niket ta' min ifaħħru, iżda mhux ta' min iħobbu. Mulej Alla, li tħobb l-erwieħ, il-ħniena tiegħek hija wisq u wisq aktar safja u sħiħa minn tagħna ladarba ebda niket ma' jista' għalik. Imma min jasal sa hawn?

Jiena l-imsejken f'dak iż-żmien kont inħobb nitnikket u nfittex fuqiex nitnikket. Fid-dwejjaq ta' l-oħrajn, dwejjaq taparsi ta' fuq il-palk, l-attur kien jogħġobni u jiġbidni iżjed bil-qawwi jekk bi kliemu jew egħmilu jislitli d-dmugħ minn għajnejja. Xejn ma nistagħġeb b'dan! Kont qisni nagħġa msejkna li ħarbet mill-merħla tiegħek għax ma kinetx tissaportik tgħasses fuqha, u mtliet b'ġarab li jqażżeż. Kien minħabba f'hekk li jien ħabbejt in-niket, mhux dak li jifni, għax jien qatt ma ħabbejt inġarrab dak li kont nara fuq il-palk, iżda n-niket li kont nisma' u nara fl-atturi, niket li bħallikieku kien iħokkli ġismi ħelu, ħelu, biex imbagħad isirli qisu dwiefer li bil-grif tagħhom itellgħuli nfafet jaħarqu, kollhom tinġis u materja tbeżża'. Alla tiegħi, ħajja bħal din tiegħi kienet ħajja tassew?

3. Mill-bogħod il-ħniena tiegħek kienet tittajjar fidila fuqi. F'kemm ħażen inħlejt meta tlaqt lilek biex niġri wara kurżità sagrilega li tefgħetni fil-qiegħ ta' l-infedeltà u fil-qima qarrieqa tad-dimonji, li lilhom kont noffri l-egħmejjel ħżiena tiegħi b'sagrifiċċju! Int kont issawwatni l-ħin kollu, u b'danakollu kelli wkoll il-wiċċ li saħansitra matul iċ-ċelebrazzjoni tal-festi tiegħek, bejn il-ħitan tal-knisja tiegħek, nixtieq ħwejjeġ ħżiena u nħabrek biex nikseb frott il-mewt. Għalhekk int biċċirtni bis-swat, swat li ma kien xejn jekk inqisu mal-ħtija tiegħi, Alla tiegħi, ħniena tiegħi bla qjies, kenn tiegħi mill-ħsarat tal-biża' li fihom inxtħett b'rasi merfugħa u tbegħidt dejjem iżjed minnek, għax ħabbejt triqati u mhux triqatek, ħabbejt il-ħelsien ta' wieħed maħrub!

L-istudji li kienu jsejħulhom għolja kellhom huma wkoll il-ħsieb li jwassluni għall-qrati ċivili, jiġifieri, li nkun minn

ta' quddiem ħafna fihom, hekk li aktar ma nkun ninqala' biex nilgħab bil-kliem aktar ifaħħruni. Kemm hu kbir il-għama tal-bnedmin biex jitkabbru saħansitra bl-istess għama tagħhom! Fl-iskola kont ġejt l-ewwel fir-rettorika, u ftaħart u tkabbart, kollni minfuħ bija nnifsi. Imma, kif taf int, Mulej, kont wisq aktar f'sikti u mbiegħed għal kollox mit-taqlib ta' xi wħud li kienu jsejħulhom "il-qallieba" – laqam ħażin tax-xjaten li kienu jagħtuhom bħala sinjal li huma nies minn tagħna. Jien kont ngħix fosthom, u bil-wiċċ sfiq kollu kont nistħi li ma kontx bħalhom. Għamiltha magħhom u ġie li ħadt gost bil-ħbiberija tagħhom, iżda dejjem kelli mibegħda għal egħmilhom, jiġifieri, il-mod kif bit-taħwid tagħhom bla ebda mistħija kienu jippersegwitaw lil min igħix bi kwietu u ma jagħti f'għajn ħadd, u għal xejn b'xejn joqogħdu jgħadduh biż-żmien u jbaxxuh, ħalli b'hekk jissodisfaw il-pjaċiri qerrieda tagħhom. Ma hemmx egħmil ieħor li jista' jixxebbah aħjar ma' egħmil ix-xjaten! Għalhekk il-laqam ta' qallieba joqogħdilhom sewwa ħafna, għax huma stess maqlubin ta' taħt fuq qabel kulħadd, billi l-ispirti ħżiena minn taħtittaħt iħawduhom u jidħku bihom u jqarrqu bihom b'dak l-istess egħmil li bih huma jħobbu jgħaddu biż-żmien u jqarrqu b'ħaddieħor.

4. Fost nies bħal dawn għaddejt għomri dgħajjef f'dak iż-żmien, jiena u nistudja l-kotba ta' l-elokwenza li ridt inkun minn ta' quddiem fiha, bl-iskop ħażin li jkolli biex niftaħar u nsib il-hena tiegħi fil-frugħat tad-dinja. Matul il-kors ordinarju ta' l-istudju wasalt fil-ktieb ta' wieħed awtur jismu Ċiċerun[1], li kważi kulħadd jistagħġeb bih għall-qawwa ta' lsienu għad li mhux kulħadd jaqbel mal-

fehma tiegħu. F'dan il-ktieb, li jismu "Ortensju", huwa jħeġġiġna għall-istudju tal-filosofija. Il-ktieb ġieb bidla sħiħa fija, bidla fit-talb li kont nagħmillek, Mulej, bidla fil-wegħdiet u x-xewqat tiegħi. F'daqqa waħda stmerrejt kull tama fiergħa u b'ħeġġa ta' qalb li ma titwemminx bdejt nixtieq ħafna l-għerf li jibqa' għal dejjem. Kont diġà qbadt inqum biex nerġa' lura għandek. Jiġifieri, mhux biex nitħarreġ fi lsieni, taħriġ li kont qisni qed nixtrih bi flus ommi meta kelli dsatax-il sena u missieri kien ilu diġà sentejn mejjet, mhux biex nitħarreġ fi lsieni kont qed ninqeda b'dak il-ktieb, anqas ma bqajt mirbuħ mill-mod kif l-awtur fisser ruħu, iżda minn dak stess li qal.

X'ħerqa kelli, Alla tiegħi, x'ħerqa kelli biex nerġa' nittajjar minn din l-art għal għandek minkejja li ma kontx naf xi stajt tagħmel bija! Għax il-għerf qiegħed għandek. Issa l-imħabba tal-għerf bil-Grieg tissejjaħ filosofija, u dak il-qari kebbes fija din l-imħabba. Hemm uħud li, biex iqarrqu, jinqdew bil-filosofija u jlibbsu l-iżbalji tagħhom bil-libsa kollha lwien u ġmiel ta' dan l-isem kbir, għażiż u mweġġaħ. L-awtur ta' dak il-ktieb isemmi b'isimhom u jakkuża tista' tgħid lil dawn in-nies qarrieqa kollha li għexu fi żmienu u qabel. U hekk tintwera fid-dawl it-twissija tas-saħħa magħmula mill-ispirtu tiegħek permezz tal-qaddej twajjeb u ħlejju tiegħek: "Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin, skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu, li fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem"[2]. Int, id-dawl ta' qalbi, int taf li f'dak iż-żmien kont għadni ma smajtx b'dan il-kliem ta' l-appostlu, imma fit-tħeġġiġ ta' dak il-ktieb sibt ħaġa waħda li kont ngħożż, għax id-diskors tiegħu kien iqanqalni u jixgħelni u

jkebbisni biex inħobb, infittex, insib, inżomm u nħaddan qawwi miegħi mhux din jew dik l-iskola filosofika, iżda l-għerf innifsu, kien liema kien. Ħaġa waħda biss kienet tiksirli qalbi f'dik il-ħeġġa kollha, jiġifieri, li f'dak il-ktieb ma sibtx l-isem ta' Kristu. Għax dan l-isem, fil-ħniena tiegħek, Mulej, dan l-isem tas-salvatur tiegħi, Ibnek, il-qalb ċkejkna tiegħi xorbitu bit-tjieba ma' ħalib ommi u żammitu bis-sħiħ. U jekk ktieb ma jkunx fih dan l-isem, imqar jekk ikun miktub bis-sengħa u r-reqqa u jgħid is-sewwa, lili ma kienx jisraqni għal kollox.

5. Għalhekk għamilt il-ħsieb li nieħu f'idejja l-Kotba Mqaddsa ħalli nara x'kienu. U ara, f'għajnejja sibthom ħaġa li la hi mostura għall-imkabbrin u lanqas mikxufa għaċ-ċkejknin; il-kelma tagħhom għall-ewwel hi kiebja, imbagħad qajla qajl togħla fil-ħsieb u tinsatar fil-misteru. Jien, fil-qagħda li kont, ma seħħlix nidħol 'il ġewwa fihom u nbaxxi rasi għall-passi tagħhom. Meta ftaħthom, ma ħassejthomx kif inħosshom illum jien u nitkellem fuqhom. Deherli li ma kellhom ebda kobor li stajt inqabblu mal-kobor ta' Tullju[3]. Kont hekk minfuħ bija nnifsi li kelli nitwarrab mit-triq tagħhom, dehni ma setax jidħol sal-qalba tagħhom. Dawn huma kotba magħmula biex jikbru maċ-ċkejknin, u jien ma ridtx nitbaxxa u nsir ċkejken: kollni merfugħ u minfuħ bija nnifsi qist ruħi bi kbir.

6. Ġara mbagħad li sibt ruħi fost nies mitlufin fit-tkabbir tagħhom, moħħhom fil-ġibdiet ta' l-art u lablaba. Kellhom ġo fommhom ix-xbieki tax-xitan u ċappa ddellek imsawra mit-taħlit tas-sillabi ta' ismek, isem il-Mulej Ġesù Kristu u isem l-Ispirtu s-Santu, difensur u faraġ tagħna[4]. Dawn

l-ismijiet kienu l-ħin kollu fuq xofftejhom, iżda biss bħala leħen u ħoss ta' l-ilsien, għax mill-bqija qalbhom kienet fiergħa mill-verità. U kienu jgħidu, "Verità! Verità!", kelma li kienu jtennuhieli sikwit. Iżda l-verità qatt ma kienu jafu fejn toqgħod, għax ma kinux igħidu ħlief gideb kull darba li jitkellmu mhux biss fuqek, li int tassew il-verità, iżda wkoll fuq dawn il-prinċipji ta' did-dinja maħluqin minnek. Missier tiegħi l-iżjed twajjeb, ġmiel ta' kull ġmiel, għall-imħabba tiegħek messni ħallejt warajja saħansitra lil dawk il-filosofi li qalu s-sewwa dwar dawn il-prinċipji[5]. O Verità, Verità, kemm kont nitniehed għalik mill-qiegħ ta' qalbi sa minn dak iż-żmien, meta dawk il-ħalja ta' sikwit u b'ħafna modi kienu jsemmuk miegħi bi lsienhom biss u b'kotra ta' kotba ħoxnin! Dawn kienu l-platti li ressquli quddiemi meta kont imġewwaħ għalik, u f'dawn il-platti, minflok ma offrewli lilek, tawni x-xemx u l-qamar, ħlejjaq tiegħek sbieħ, iva, imma ħlejjaq tiegħek, li mhumiex int, anqas ma huma l-ewlenin fil-ħolqien, għax il-ħlejjaq spiritwali tiegħek jiġu qabel dawn li naraw b'għajnejna, għad li huma dwal kbar fis-sema. Iżda l-ġuħ u l-għatx tiegħi anqas ma kienu għall-ħlejjaq ewlenin tiegħek, imma għalik innifsek, o Verità, li fik ma hemm ebda tibdil u anqas dell ta' tidwir. Fuq dawk il-platti offrewli dejjem fantażmi li, għad li kienu mill-isbaħ, kien ikun aħjar għalija nħobb din ix-xemx, li hi vera għax għallinqas narawha b'għajnejna, milli dawk il-ħwejjeġ foloz li permezz tal-għajnejn iqarrqu bil-moħħ. Jien bqajt niblagħhom għax deherli li qiegħed niekol lilek, iżda ma kilthomx bħal wieħed ġewħan, għax f'ħalqi ma kontx intiegħem fihom lilek bħalma int tassew. Dawk il-ħwejjeġ b'oħra u fiergħa ma kinux int, u lili mhux biss ma kinux ixebbgħuni, anzi



Biex ma jħallix ruħu jogħdos fil-ħama tal-vizzju u t-taħlit ta' ħbiebu, fit-tieni sena ta' l-istudji f'Kartaġni huwa ntrabat ma' żagħżugħa u beda jgħix magħha.

kienu jħalluni aktar bil-ġuħ. L-ikel li noħolmu bih jixbah ħafna li dak li nieklu meta nkunu mqajmin, iżda xejn ma jwetina waqt l-irqad, għax reqdin inkunu. Imma dak l-ikel b'xejn ma kien jixbah lilek kif għaraftek issa wara li kellimtni: kien biss tberfil il-moħħ b'sura ta' iġsma, iġsma foloz. Huma iżjed ċerti minnhom dawn l-iġsma tassew li naraw bil-għajnejn tal-ġisem, sew fis-sema u sew fl-art; aħna narawhom bħalma jarawhom il-bhejjem u t-tajr, iżda huma ċerti iżjed milli meta nimmaġinawhom. Terġa' mbagħad anki meta nimmaġinawhom, inħossuna aktar ċerti minn meta permezz tagħhom nistħajlu ħwejjeġ oħra akbar u bla tmiem li b'xejn ma jeżistu, bħalma huma l-frugħat li f'dak iż-żmien kienu l-ikel tiegħi li ma wetieni xejn. Int, imħabba tiegħi, li minħabba fik sirt dgħajjef biex inkun qawwi, int la int dawn l-iġsma li naraw imqar fis-sema, lanqas l-oħrajn li ma narawhomx hemmhekk. Dawn huma kollha ħolqien tiegħek, u int ma tqishomx fost l-aqwa li għamilt fil-providenza tiegħek. Kemm int 'il bogħod aktar minn dawn il-fantasiji tiegħi li b'xejn ma jeżistu! Huma aktar ċerti l-fantasiji ta' l-iġsma li jeżistu, u l-iġsma stess huma aktar ċerti minnhom, iżda mhumiex int. Int anqas ma int ir-ruħ, li hi l-ħajja ta' l-iġsma u li għalhekk hi aħjar u aktar ċerta mill-istess iġsma. Int il-ħajja ta' l-erwieħ, il-ħajja tal-ħajjiet; inti tgħix fik innifsek u ma titbiddel qatt, ħajja ta' ruħi.

Mela fejn kont f'dak iż-żmien u kemm kont 'il bogħod minni? Jien qgħadt niġġerra 'l bogħod minnek, imċaħħad saħansitra mill-ħarrub tal-qżieqeż li kont nagħlifhom bil-ħarrub. Il-ħrejjef tal-għalliema fl-iskola u tal-poeti kienu aħjar minn dawk ix-xbieki! Il-versi u l-poeżija u Medea tittajjar[6] huma żgur aktar siewja mill-ħames elementi

mibdulin b'ħafna modi permezz tal-ħames għerien tad-dlamijiet, ħwejjeġ li qatt ma eżistew imma jeqirdu lil min jemmen fihom[7]. Għad li fil-versi u l-poeżija nista' tassew insib xi għajxien għal moħħi, qatt ma għidt li l-ħrafa ta' Medea tittajjar ġrat tassew minkejja li kont intenni l-versi tagħha fl-iskola, u anqas ma kont nemminha meta nisma' 'l ħaddieħor itenniha; imma dak il-qerq emmintu. Ħażin għalija, ħażin għalija! Minn dawk it-turġien niżżluni fil-qiegħ tal-għammieq, bit-tbatija u kollni mħeġġeġ għall-verità li kont nieqes minnha, filwaqt li lilek, Alla tiegħi – nistqarrlek dan għax ħennejt għalija sa minn qabel ma għaraftek – lilek kont qiegħed infittxek mhux bid-dawl tad-dehen li bih ridtni nkun aqwa mill-bhejjem, iżda bis-sensi tal-ġisem. Inti kont fija aktar 'il ġewwa minn dak li hu l-iżjed ġewwieni ġo fija, u ogħla minn dak li hu l-ogħla fija. Ħbatt ma' dik il-mara sfiqa u bla għaqal tal-parabbola ta' Salamun, li nxteħtet bilqiegħda fuq siġġu fil-bieb ta' darha u qalet, "Ħelu hu l-ilma misruq, u tajjeb il-ħobż meħud bil-moħbi"[8]. Hi qarrqet bija, għax sabitni barra nħares bil-għajnejn ta' ġismi u nixtarr waħdi dak li kont qed nibla' permezz tagħhom.

7. Ma għaraftx xinhu dak li hu tabilħaqq il-veru, u bħal qisha reqqa kienet iġġagħalni naqbel mal-qarrieqa boloh tiegħi meta xi ħadd kien jistaqsini minn fejn hu ġej il-ħażen, jew jekk Alla jitqiesx f'sura ta' ġisem, jekk għandux xagħar u dwiefer, jew jekk għandniex ngħodduhom b'nies ġusti lil dawk li kienu jiżżewġu ħafna nisa f'daqqa, joqtlu lill-bnedmin u joffru l-bhejjem b'sagrifiċċju[9]. Jien ma kont naf xejn fuq dan u kont nitħawwad. Jiena u nitbiegħed mill-verità deherli li kont miexi lejha, għax ma għaraftx

li l-ħażen mhuwiex ħaġ'oħra ħlief iċ-ċaħda tat-tjieba sa ma jasal fix-xejn li hu xejn[10]. Imma dan kif stajt nagħarfu jekk għajnejja ma kinux jaraw aktar 'il bogħod mill-ġisem u moħħi ma kien jilmaħ xejn 'il hemm mill-fantasija? Ma għaraftx li Alla huwa spirtu, ma għandux ġisem imqassam f'membri fit-tul u l-wisa', u anqas ma għandu daqs, għax id-daqs f'biċċa minnu hu iċken mid-daqs kollu; u anki kieku d-daqs kien bla qjies, kull biċċa minnu fl-ispazju kienet tkun iċken mid-daqs fil-kobor kollu tiegħu bla qjies; jiġifieri, ma kienx ikun kullimkien kollu kemm hu, bħalma hu l-ispirtu, bħalma hu Alla. Fuq kollox ma kelli ebda u ebda ħjiel dwar x'hemm ġewwa fina li jagħmilna neżistu u li minħabba fih inħlaqna fuq xbieha ta' Alla, kif tgħid sewwa l-Iskrittura.

Anqas ma għaraft xinhi l-ġustizzja tassew u tal-qalb, dik li tiġġudika mhux skond id-drawwiet imma skond il-liġi l-iżjed sewwa ta' Alla li jista' kollox, li fuqha għandhom jissawru d-drawwiet ta' pajjiżi u żminijiet għal dan jew dak il-pajjiż jew żmien, waqt li hi tibqa' l-istess kullimkien u dejjem, mhux hawnhekk mod u hemmhekk mod ieħor, jew illum mod u għada ieħor. Kien skond din il-liġi li ġew iġġustifikati Abraham, Iżakk, Mosè, David u dawk kollha li qalgħu t-tifħir minn fomm Alla; iżda dawk li ma jifhmux jiġġudikawhom bi ħżiena, għax il-ġudizzju tagħhom jagħmluh minn fuq tribunal tal-bnedmin u jqisu d-drawwiet kollha tal-ġens tal-bnedmin skond id-drawwiet tagħhom infushom; bħal dak li ma jifhimx fl-armatura u ma jafx fejn kull biċċa għandha tintlibes, ikun irid ixidd f'rasu l-biċċa li tgħatti l-koxxa u jilbes l-elmu f'saqajh, imbagħad igerger u jgħid li ma joqogħdulux sewwa; jew bħal dak li, meta f'xi jum iffissat ma jkunx jista' jsir

negozju wara nofs in-nhar, jaqbad jisħon għax ma jħalluhx juri merkanzija li jista' juriha filgħodu; jew fl-istess dar jara qaddej imiss b'idejh ħwejjeġ li min iservi x-xorb ma jitħalliex imisshom, jew jara jsir fil-maqjel dak li ma jistax isir fuq il-mejda, u jagħdab għax f'dar waħda u familja waħda ma jingħatax l-istess xogħol lil kulħadd u fid-dar kollha. Hekk huma dawk li jinkorlaw xħin jisimgħu li l-ġusti ta' l-imgħoddi setgħu jagħmlu dak li l-ġusti ta' llum ma jistgħux jagħmlu, jew li Alla lil dawk ordnalhom ħaġa u lil dawn oħra skond il-ħtiġijiet taż-żmien li jkun, waqt li, sew dawk u sew dawn, ilkoll qdew ġustizzja waħda u l-istess. U madankollu huma stess jaraw li f'dar waħda mhux kollox jixraq lil kullhadd, u dak li sa minn żmien twil kien jista' jsir, wara siegħa ma jkunx jista' jsir iżjed; jew ħaġa f'rokna waħda tista' jew għandha ssir, waqt li f'rokna oħra fil-qrib ma tistax issir u min jagħmilha jkun ikkastigat. Jaqaw il-ġustizzja fiha l-varjetà u tista' tinbidel? Huma ż-żminijiet, ikkontrollati minnha, li ma jimxux pass wieħed, għax żminijiet huma. Il-bnedmin, ta' ħajja qasira fuq l-art, ma għandhomx is-sens biex jistgħu jqabblu ċ-ċirkustanzi ta' żminijiet u ġnus oħra, li huma ma għaddewx minnhom, maċ-ċirkustanzi li huma stess igħaddu minnhom, u għalhekk ikemmxu xofftejhom; iżda mbagħad malajr jistgħu jaraw xinhu dak li f'ġisem wieħed, jew f'jum wieħed jew f'dar waħda, jixraq lil dak il-membru, lil dak il-waqt, lil dak il-post jew lil dak it-tali, u għal dan joqogħdu.

F'dak iż-żmien ma kont naf xejn minn dawn il-ħwejjeġ u ma ntbahtx bihom. Kienu jolqtuli għajnejja minn kullimkien bla ma narahom. Meta kont intenni l-versi tal-poeżija ma kinux iħalluni nqiegħed l-aċċenti li rrid jien

fejn ħabat, ħabat, imma kien ikolli nagħżel dawk li jaqblu ma' dan jew dak il-metru, u f'vers wieħed ma kontx inħaddem l-istess aċċent dejjem; u dan minkejja li s-sengħa nfisha li biha kont intenni l-poeżija ma kellhiex regoli għal post u oħrajn għal post ieħor, iżda kienet tiġborhom kollha f'daqqa. U jien ma fhimtx illi l-ġustizzja, li fuqha mxew nies tajba u qaddisa, kienet tiġbor f'daqqa l-kmandamenti kollha tagħha b'mod ogħla u isbaħ; hi ma kienet titbiddel xejn, u madankollu ma kinetx tobbliga kollox f'daqqa f'kull żmien, iżda kienet tqassam u tordna kollox skond ma jaqbel għal kull żmien. Fil-għama tiegħi maqdart lill-patrijarki twajba mhux biss għax fi żminijiethom għexu kif Alla riedhom u nebbahhom, iżda wkoll għax ħabbru l-ġejjieni kif Alla wrihulhom minn qabel.

8. Hemm xi żmien jew xi mkien fejn mhuwiex sewwa tħobb 'l Alla b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'moħħok kollu, u tħobb lil għajrek bħalek innifsek? Mela l-egħmil ħażin kontra n-natura għandna nikkundannawh u nikkastigawh dejjem u kullimkien, bħall-egħmil tan-nies ta' Sodoma. Kieku n-nies kollha jagħmlu bħalhom, il-liġi t'Alla xorta waħda kienet tikkundannahom għall-istess ħtija, għax Alla ma ħalaqx lill-bniedem biex jinqeda bih innifsu b'dan il-mod. Infatti jekk bil-ġibdiet ħżiena nniġġsu l-istess natura maħluqa minnu, b'hekk inkunu nħassru l-istess għaqda li jenħtieġ ikun hemm bejnna u bejn Alla. Għalhekk, inkunu fejn inkunu, jenħtieġ inħarsu d-drawwiet tal-post u nitbiegħdu minn kull nuqqas li jeħodha kontra dawn l-istess drawwiet, biex ma jkun hemm ħadd, la ċittadin u lanqas barrani, li għall-gosti koroh tiegħu jikser

il-patt magħmul bi drawwa jew b'liġi bejn in-nies ta' l-istess belt jew ġens li jkun: għax kull parti li ma taqbilx mas-sħiħ tagħha tweġġa' l-għajnejn. Iżda meta Alla jagħti ordni kontra drawwa jew patt, ikunu liema jkunu, dan l-ordni għandu jiġi mħares, ukoll jekk qatt ma tħares fl-imgħoddi; jekk intesa, għandu jiġġedded; u jekk ma kienx imwettaq, għandu jitwettaq. Is-sultan, fil-belt li jaħkem fuqha, jista' jagħmel liġi li qatt ma saret minn sultan ieħor qablu jew minnu nnifsu, u wieħed ma jkunx jonqos lis-soċjetà jekk iħarisha, anzi għall-kuntrarju, jonqos lis-soċjetà jekk ma jħarishiex; infatti huwa patt aċċettat minn kulħadd u kullimkien li s-soċjetà tal-bnedmin għandha tobdi lis-slaten tagħha. Mela kemm iżjed għandna naqdu bla ebda tlaqliq u f'kollox lil Alla li jsaltan fuq il-ħlejjaq kollha tiegħu! Bħalma fost is-setgħat tas-soċjetà tal-bnedmin is-setgħa l-kbira tiġi qabel iż-żgħira f'dik li hi ubbidjenza, hekk Alla qabel kulħadd.

L-istess jingħad dwar il-ħtijiet ta' dawk li jridu jagħmlu ħsara lil għajrhom, billi jew igħajruh jew jagħmlulu d-deni biex jitħallsu minnu bħal fil-każ ta' l-egħdewwa, jew biex jisirqulu ġidu kif ħalliel jisraq lil min ikun għaddej, jew biex jeħilsu minn xi ħsara bħal meta jibżgħu minn xi ħadd, jew għax igħiru għalih kif wieħed igħir għal min hu aħjar minnu, jew għax ikunu jinsabu tajjeb f'xi ħaġa u ma jaħmlux li ħaddieħor isir bħalhom jew isewdu qalbhom jekk inhu bħalhom; inkella għall-gost biss li jaraw il-għawġ fuq għajrhom, bħal min imur jara l-ġlied tal-gladjaturi, jew bħal min għal xejn b'xejn jidħak bil-proxxmu tiegħu u jgħaddih biż-żmien. Dawn huma l-egħjun tal-ħażen li jnixxu mill-ġibdiet ħżiena tal-ħakma, tal-għajnejn u tas-sensi, sew jekk jitnisslu minn waħda

biss minn dawn il-ġibdiet u sew jekk jitnisslu minn tnejn jew mit-tlieta kollha f'daqqa. U b'hekk wieħed igħix ħajja ħażina kontra l-ewwel tliet kmandamenti u s-sebgħa l-oħra, l-arpa ta' għaxar kordi, id-dekalgu tiegħek, Alla l-aktar ogħli u l-aktar ħelu. Iżda liema egħmil ħażin se jolqot lilek, int li ebda taħsir ma jista' jagħmel bik? Liema nuqqas jista' jsir kontra tiegħek, int li ebda ħsara ma tista' tiġrilek? Imma inti tikkastiga l-ħtijiet li l-bnedmin jagħmlu kontra tagħhom infushom, għax ukoll meta jidinbu kontrik, id-deni jagħmluh lil ruħhom stess u jitqarrqu fil-ħażen tagħhom, għax iħassru u jqallbu n-natura tagħhom maħluqa u magħmula minnek, billi jew jinqdew ħażin b'dak li jistgħu jinqdew, jew jitkebbsu bix-xewqa li jinqdew kontra n-natura b'dak li ma jistgħux jinqdew. Huma wkoll ħatja għax f'qalbhom u bi kliemhom jagħdbu bl-aħrax kontrik u jeħduha kontra n-niggieża, jew għax b'wiċċhom sfiq jifirħu li bit-tnassis u l-firdiet ikunu sebqu t-trufijiet kollha tas-soċjetà tal-bnedmin skond ma jkun għoġobhom jew ma għoġobhomx. Dan kollu jiġri meta l-bniedem jitlaq lilek, il-għajn tal-ħajja, li int waħdek u tassew il-ħallieq u mexxej ta' kollox, u kollu mkabbar bih innifsu jħobb biċċa waħda minn ġid qarrieqi. Għalhekk nerġgħu lura għandek bi tjieba umli, u inti ssaffina mid-drawwiet ħżiena tagħna, tħenn għal min jistqarrlek dnubietu, tisma' l-krib ta' l-ilsiera u tħollna mill-irbit li ntrabatna bih, ħalli ma nerġgħux nerfgħu rasna kontrik bl-iskuża ta' ħelsien falz u regħba għaż-żejjed u nsibu ruħna fil-periklu li nitilfu kollox, għax inkunu nħobbu iżjed il-ġid tagħna milli lilek, il-ġid ta' kulħadd.

9. Imma fost il-ħtijiet u n-nuqqasijiet u tant ħażen ieħor

hemm ukoll id-dnubiet ta' dawk li huma miexja fit-triq it-tajba, dnubiet li min jagħmel ħaqq bir-reqqa jmaqdarhom għax jonqsu mir-regola tal-perfezzjoni, u fl-istess ħin ifaħħarhom minħabba t-tama tal-frott għal li ġej, kif wara s-sbul jiġi l-qamħ. Naraw wkoll egħmil ieħor li qisu ħtija jew nuqqas iżda mhuwiex dnub, għax la jiegħex lilek, Alla Sidna, u lanqas lis-soċjetà tal-bnedmin; bħal meta wieħed jikseb xi ħaġa siewja ħalli jinqeda biha meta jkun jenħtiegha, u ma jkunx ċert jekk kisibhiex biex jaqta' xewqtu biss; jew bħal meta wieħed, li għandu s-setgħa kif imiss, jikkastiga lill-ħati bil-ħsieb li jsewwi triqatu, u ma jkunx ċert jekk dan għamlux għax xtaqlu l-ħsara. Jiġifieri, hemm bosta egħmejjel li l-bnedmin iħossu li mhumiex ta' min jaqbel magħhom, waqt li huma approvati bix-xhieda tiegħek; u hemm bosta oħrajn li l-bnedmin ifaħħruhom waqt li x-xhieda tiegħek tikkundannahom. Għax sikwit jiġri li l-egħmil inħarsu lejh b'mod li ma jaqbilx mal-fehma ta' min jagħmlu u maċ-ċirkustanzi taż-żmien moħbijin għalina. Iżda meta inti, bla ħadd ma jkun jistenna, f'daqqa waħda tordna ħaġa mhix tas-soltu li forsi fl-imgħoddi kont tipprojbiha, ukoll jekk għal xi żmien ma turiniex ir-raġunijiet tiegħek u l-ordni tiegħek ma jkunx jaqbel mal-patt tas-soċjetà ta' xi wħud mill-bnedmin, min jiddubita li aħna għandna nobdu meta s-soċjetà ġusta tal-bnedmin hija dik li taqdi lilek? Imma hieni min jagħraf li l-ordni jkun ġej minnek. Għax kull ma jsir mill-qaddejja tiegħek isir jew biex jitwera xinhu meħtieġ illum jew biex il-ġejjieni jitħabbar minn qabel.

10. Jien ma kont naf b'xejn minn dan, u għalhekk kont niddieħak b'dawk il-qaddejja u profeti qaddisin tiegħek.

Jien kont niddieħak bihom, u swieli biss biex inti tiddieħak bija; għax qajla qajl u bla ma ntbaht ħallejt lil min iwaqqagħni f'dawk il-ħmerijiet, sa ma emmint li t-tin, meta jinqata', u s-siġra ommu jibku biki tal-ħalib[11]. Imma jekk xi ħadd mill-qaddisin tagħhom[12] jiekol tina, li mhux hu imma ħaddieħor ikun ħati tal-qtugħ tagħha, huwa jagħġinha fl-istonku tiegħu u, fost tnehid u talb u tifwiq, man-nifs tiegħu joħroġ minnha anġli u saħansitra farkiet minn Alla; dawn il-farkiet ta' Alla l-ogħli u l-veru kienu jibqgħu marbutin fil-frotta li kieku l-irbit tagħhom ma nħallx fl-istonku u bis-snien tal-magħżul qaddis[13]. U jiena l-imsejken emmint li aktar għandna nħennu għall-frott ta' l-art milli għall-bnedmin li l-frott isir għalihom. Jekk wieħed bil-ġuħ, mhux Manikew, kellu jitlob xi ħaġa biex jitrejjaq, il-bukkun li jingħatalu kien ikun qisu ġie ikkundannat għall-mewt.

11. Int middejt idek mill-għoli u ħlistni minn dan il-għammieq ta' dlamijiet, waqt li ommi, il-qaddejja fidila tiegħek, kienet tibki għalija quddiemek aktar milli l-ommijiet jibku fuq il-ġisem mejjet ta' wliedhom. Għax fl-ispirtu tagħha, permezz tal-fidi li inti tajtha, hija rat il-mewt tiegħi. Inti smajtha, Mulej, smajtha u ma warrabtx minn quddiemek id-dmugħ tagħha li kien jixxerred u jsaqqi l-art taħt għajnejha kull fejn kienet titlob. Inti smajtha: għax minn fejn setgħet ġietha dik il-ħolma li farraġtha biha u li warajha aċċettat li tiġi toqgħod miegħi u taqsam f'mejda waħda miegħi fid-dar? Hi għall-ewwel ma riditx, għax kienet tistmerr u tobgħod l-iżball midgħi tiegħi. Hi stħajlet li kienet wieqfa fuq travu ta' l-injam u rat żagħżugħ kollu dija u ferħ riesaq lejha u jitbissmilha, fil-ħin li hi

kienet imnikkta u qalbha maqsuma. U hu staqsieha x'kienu d-dwejjaq u l-biki tagħha ta' kuljum, mhux biex ikun jaf, iżda biex igħidilha kelma ta' ġid, kif bost drabi jiġri, u hi weġbitu li kienet qiegħda tibki t-telfa tiegħi. Imbagħad wissieha biex isserraħ rasha, u qalilha biex tħares sewwa ħalli tara li fejn kienet hi kien hemm jien ukoll. Hi ħarset, u rat lili maġenbha wieqaf fuq l-istess travu. Min bagħathielha din il-ħolma? Kont int, it-tjieba li tista' kollox, int li lqajt ix-xewqa ta' qalbha, li tieħu ħsieb ta' kulħadd daqskemm ta' wieħed waħdu, u tieħu ħsieb ta' wieħed daqskemm ta' kulħadd f'daqqa.

U minn fejn kienet ġejja din l-oħra wkoll, jiġifieri, li meta qaltli x'ħolma kellha, u jien għamilt kemm stajt biex infissirhielha fis-sens li aktarx hi ma kellhiex taqta' qalbha li għad tkun bħali, "Le," weġbitni minnufih u bla tlaqliq ta' xejn, "għax dak iż-żagħżugħ ma qallix: Fejn ikun hu tkun int ukoll; iżda: Fejn tkun int ikun hu wkoll"? Nistqarr quddiemek, Mulej, dak li niftakar kif nista' niftakru llum u li jien qatt ma ħbejtu, li din it-tweġiba li tajtni permezz ta' ommi mqajma qanqlitni wisq aktar mill-istess ħolma tagħha. Hi ma tħawdet xejn bit-tifsira falza imma qisha vera li jiena tajtha; minnufih rat dak li kienet għad trid tara u li jiena ma rajtux qabel ma qaltli bih hi. Dik il-mara twajba, biex titfarraġ fid-diqa li kellha, fil-ħolma tagħha tħabbrilha sa minn żmien twil qabel il-ferħ li kienet se ġġarrab wara bosta snin. Għax għaddew kważi disa' snin li matulhom għodost f'dak il-ħama fond u fid-dlamijiet tal-qerq; bosta drabi għamilt ħilti kollha biex noħroġ minnu, imma bqajt nogħdos dejjem iżjed ġo fih. Dik l-armla twajba, safja u qaddisa, kif tħobbhom int, issaħħet fit-tama iżda ma għejietx tibki u titniehed, u l-ħin kollu

fit-talb tagħha baqgħet ixxerred dmugħha għalija quddiemek; it-talb tagħha wasal għandek, u madankollu lili ħallejtni ndur u nitqalleb f'dak id-dlam.

12. Niftakar u rrid insemmi tweġiba oħra li tajtni f'dik il-ħabta. Hemm ħafna ġrajjiet li se nħallihom barra, għax irrid inħaffef biex nasal f'dawk li qed jagħfsuni l-iżjed biex nistqarrhom; bosta ġrajjiet oħra ma niftakarhomx. Tajtni mela tweġiba oħra permezz ta' saċerdot tiegħek, isqof imrobbi fil-knisja u mħarreġ fil-kotba tiegħek. Dik il-mara talbitu biex jindenja ruħu jitħaddet miegħi, jurini l-qerq ta' l-iżbalji tiegħi, ibegħidni mill-ħażen u jgħallimni s-sewwa. Hekk kienet tagħmel kull darba li tiltaqa' ma' xi ħadd jinqala' tajjeb għal dan. L-isqof ma riedx, u wera kemm kien għaqli tassew, kif stajt nifhem aktar tard. Qalilha li jien kont għadni iebes għat-tagħlim, għax il-għaqda tiegħi ma' dawk l-eretiċi kienet ħaġa ġdida għalija u neffħitni, kif ukoll għax kont diġà qbadt xi kwistjonijiet żgħar ma' bosta wħud li ma kinux imħarrġa biżżejjed u waqqajthom, kif hi stess kienet qaltlu. "Ħallih għalissa," qalilha; "biss itlob lill-Mulej għalih; il-qari jiftaħlu għajnejh u waħdu jara xinhu l-iżball tiegħu u kemm hu ikrah". U żied igħidilha li hu wkoll fi ċkunitu kellu x'jaqsam mal-Manikej, għax ommu tqarrqet minnhom u telqitu f'idejhom, u kien mhux biss qara iżda wkoll ikkopja tista' tgħid il-kotba kollha tagħhom; imbagħad, bla ma ħadd ħaqqaqha miegħu jew fittex ifiehmu, waħdu ntebah kemm dik is-setta kienet ta' min jaħrabha, u għalhekk ħarabha. Hi baqgħet tisimgħu iżda ma riditx toqgħod bi kwietha, anzi bit-talb u b'ħafna biki kompliet tissikkah biex jarani u jitħaddet miegħi, sa ma fl-aħħar dejqitu u kważi tellfitlu

sabru. "Ħallini", qalilha, "għax żgur daqs kemm int żgur hawn, li l-iben ta' dan id-dmugħ kollu ma jistax jintilef". Kif sikwit kienet tgħidli hi stess hija u titħaddet miegħi, dan il-kliem ħaditu bħallikieku nieżel mis-sema.

---

[1]Marku Tullju Ċiċerun, l-aqwa oratur u kittieb Ruman, twieled fis-sena 106 q.K. u kien assassinat bl-ordni ta' Antonju fis-sena 43 q.K.

[2]Ara Kol. 2, 8–9.

[3]*Tullju:* Ċiċerun.

[4]S. Wistin qiegħed igħid għall-Manikej, membri ta' setta mwaqqfa minn wieħed Persjan li kien jismu Manes (c. 215–275). Fil-fehma tagħhom Alla l-Missier igħammar fid-dawl 'il barra mill-univers, l-Iben fid-dawl tax-xemx u l-qamar, u l-Ispirtu s-Santu fid-dawl ta' l-ajru, li minnu tnissel Ġesù Kristu bħala bniedem fuq l-art.

[5]Ara Kol. 2, 8.

[6]*Medea:* mara ssaħħar fil-mitoloġija Griega; għenet lil Ġasun l-Argonawta biex isib is-Suf tad-Deheb u ħarbet miegħu u żżewġitu; wara xi żmien dan telaqha u hi tħallset minnu billi qatlet liż-żewġ ulied li kellha minnu. Il-poeta Ovidju fil-*Metamorfosi* jsemmi l-ħrafa ta' Medea li taret fl-ajru fuq karru miġbud minn draguni bil-ġwienaħ.

[7]Il-Manikej kienu jgħidu li hemm żewġ prinċipji eterni kuntrarji għal xulxin, jiġifieri, is-sustanza tat-tajjeb u s-sustanza tal-ħażin; minnhom tnisslu għaxar elementi, ħamsa mit-tajjeb u ħamsa mill-ħażin. L-elementi l-ħżiena huma: id-duħħan, li fih tnisslu l-annimali ta' żewġ saqajn, fosthom il-bnedmin; id-dlam, li fih tnisslu s-sriep; in-nar, li fih tnisslu l-annimali ta' erba' saqajn; l-ilma, li fih tnisslu l-annimali tal-baħar; u r-riħ, li fih tnissel it-tajr. Kull wieħed minn dawn l-elementi ħżiena kien igħammar ġo għar fil-qiegħ ta' l-art. Alla, mis-saltna u s-sustanza tiegħu, bagħat il-ħames elementi t-tajba biex jiġġieldu kontra l-ħżiena u jirbħuhom: huwa bagħat l-ajru kontra d-duħħan, id-dawl kontra d-dlam, in-nar it-tajjeb kontra l-ħażin, l-ilma t-tajjeb kontra l-ħażin, u r-riħ it-tajjeb kontra l-ħażin. Fil-ġlieda tagħhom saret taħlita sħiħa ta' tajjeb u ta' ħażin fil-ħlejjaq kollha.

[8]Ara Prov 9, 13–18

[9]Billi ħadd ma jista' jakkuża lil Alla b'xi ħażen, il-Manikej kienu jgħidu li, barra minn Alla, teżisti wkoll xi sustanza tal-ħażen; ma fehmux li l-ħażen mhuwiex ħaġ'oħra ħlief iċ-ċaħda u n-nuqqas tat-tajjeb. Kienu jgħidu wkoll li l-insara kattoliċi jemnu li Alla għandu ġisem għax hekk jifhmu l-Iskrittura meta tgħid li l-bniedem hu magħmul fuq ix-xbieha ta' Alla; u l-Manikej warrbu dan it-twemmin għax Alla minn għalihom hu sustanza ta' dawl bla tmiem li tinsab kullimkien. Hekk ukoll kienu jqisu lill-patrijarki l-antiki bħala nies ħżiena għar-raġunijiet li S. Wistin qiegħed isemmi hawnhekk; u billi l-patrijarki għexu fit-Testment il-Qadim, il-Manikej ċaħdu li Alla hu l-awtur ta' dan it-Testment.

[10]Ara n-nota 8 tat-II Ktieb.

[11]Il-Manikej kienu jemmnu li s-siġar u l-ħxejjex għandhom mhux biss ħajja veġetativa iżda wkoll sensitiva, iħossu meta jinqatgħalhom il-weraq u l-frott: dan għalihom kien delitt. Minħabba f'hekk il-magħżulin jew qaddisin tagħhom ma kinux jaħdmu fl-egħlieqi, biex ma jsirux ħatja ta' qtil.

[12]Il-membri tas-setta kienu jitqassmu fi tnejn: il-magħżulin jew qaddisin, li jkunu waslu fi grad ogħli ta' perfezzjoni u jistgħu jgħallmu lill-oħrajn, u s-semmiegħa jew katekumeni, li jkunu għadhom jitgħallmu. S. Wistin żamm ruħu fost dawn ta' l-aħħar.

[13]Wara t-taħlita tat-tajjeb mal-ħażin fil-ħlejjaq, kien meħtieġ li t-tajjeb jissaffa mill-ħażin. Din it-tisfija ssir jew bis-setgħa ta' Alla, jew mill-anġli tad-dawl, jew mill-magħżulin, li, huma u jieklu, jeħilsu l-farkiet tas-sustanza ta' Alla mill-irbit u l-jasar tagħhom fl-ikel; dawn imbagħad jitqiegħdu fuq żewġ imriekeb, li huma x-xemx u l-qamar, u l-anġli jeħduhom lura fis-saltna ta' Alla.